DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/69/UE

tat-22 ta' Ottubru 2010

li temenda l-Annessi tal-Parlament Ewropew u tad-Direttiva tal-Kunsill 95/2/KE dwar addittivi tal-ikel għajr kuluri u ħlewwiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurta tal-Ikel,

Billi:

(1) Id-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa ([3]) tistabbilixxi lista ta' addittivi tal-ikel li jistgħu jintużaw fil-Komunità u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.

(2) Kien hemm żviluppi tekniċi fil-qasam tal-addittivi tal-ikel mill-adozzjoni tad-Direttiva 95/2/KE. Din id-Direttiva għandha tiġi adottata sabiex jitqiesu dawn l-iżviluppi.

(3) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 sakemm jiġu stabbiliti l-listi tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel kif previst fl-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament, l-Annessi tad-Direttiva 95/2/KE għandhom jiġu emendati, fejn meħtieġ, minn miżuri adottati mill-Kummissjoni.

(4) L-istabbilizzaturi li ġejjin agar (E 406), carrageenan (E 407), locust bean gum (E 410), guar gum (E 412), xanthan gum (E 415), pectins (E 440), cellulose (E 460), carboxy methyl cellulose (E 466), oxidised starch (E 1404), monostarch phosphate (E 1410), distarch phosphate (E 1412), phosphated distarch phosphate (E 1413), acetylated distarch phosphate (E 1414), acetylated starch (E 1420), acetylated distarch adipate (E 1422), hydroxyl propyl starch (E 1440), hydroxy propyl distarch phosphate (E 1442), starch sodium octenyl succinate (E 1450), acetylated oxidised starch (E 1451) u emulsifier mono- u diglycerides ta' aċidi grassi (E 471) bħalissa huma awtorizzati skont id-Direttiva 95/2/KE għal diversi użi Dawn l-addittivi fl-ikel ġew allokati bħala doża aċċettabbli ta' kuljum (DAK) f'ammonti "mhux speċifikati" mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (minn hawn 'il quddiem KXI) u għalhekk ma jippreżentaw l-ebda periklu għas-saħħa tal-konsumaturi. Hemm il-ħtieġa teknoloġika li l-użu tagħhom jiġi estiż għall-prodotti ta' krema bla togħma fermentati ħajjin u prodotti ta' sostituzzjoni b'kontenut ta' xaħam ta 'inqas minn 20 % biex tkun żgurata l-istabbilità u l-integrità tal-emulsjoni. Dan l-użu jkun ta' benefiċċju għall-konsumatur billi jipprovdi l-għażla tal-prodotti ta' krema ffermentati bix-xaħam imnaqqas bi proprjetajiet simili għall-prodott ordinarju. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu addizzjonali.

(5) Fl-1990, il-KXI evalwa l-imluħa tal-potassju u s-sodju tal-laktat (E 325 u E 326), potassium acetate (E 261), sodium acetate (E 262i) u sodium hydrogen acetate (E 262ii) u wasal għall-konklużjoni li dawn kollha huma preżenti b'mod naturali bħala kostitwenti fl-ikel u l-istimi tal-konsum tagħhom x'aktarx ikunu insinifikanti meta mqabbla mal-konsum minn sorsi naturali. Għalhekk, dawn kienu kollha allokati fi grupp DAK mhux speċifikat. Konsegwentement, dawn l-addittivi tal-ikel huma ġeneralment permessi għall-użu fl-ikel, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 95/2/KE. Hemm proposta biex jiġi estiż l-użu ta' dawn l-addittivi fi preparazzjonijiet ippakkjati minn qabel tal-laħam ikkapuljat frisk biex ikun kontrollat it-tkabbir ta' patoġeni mikrobiċi, eżempju Listeria, *E. coli* O157. Abbażi ta' din il-ġustifikazzjoni teknoloġika, u b'kunsiderazzjoni li dan l-użu ma jqajjem l-ebda tħassib għas-sigurtà, huwa xieraq li jkun permess l-użu addizzjonali ta' dawn l-addittivi tal-ikel fi preparazzjonijiet tal-laħam ikkapuljat frisk ippakkjat minn qabel.

(6) Is-Sorbates (E 200, E 202, E 203) u l-benzoates (E 210, E 211, E 212, E 213) huma bħalissa permessi bħala addittivi tal-ikel skont id-Direttiva 95/2/KE. L-użu addizzjonali bħala preżervattivi ta' dawn l-addittivi tal-ikel huwa propost fi prodotti analogi tal-ħut abbażi tal-alka (analogi

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 31, 23.4.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1.

tal-kavjar magħmulin mill-alka) bħala ikel imqiegħed fuq wiċċ ikel varjat bil-għan li jipprevjeni t-tkabbir ta' moffa u ħmira u l-formazzjoni ta' mikotossini. Dawn l-imluħa huma allokati f'DAK ta' 0-25 mg/kg bw u 0-5 mg/kg/bw rispettivament. Abbażi tal-aħjar ipoteżi, fejn ġew użati l-konċentrazzjonijiet massimi, l-istimi ta' konsum huma baxxi ħafna meta mqabbla mad-DAK. L-espożizzjoni tal-konsumatur bħala riżultat ta' dan l-użu ma jaħtix lok għal tħassib ta' sigurtà. Huwa għalhekk xieraq li jkun permess l-użu addizzjonali ta' sorbates u benzoates fil-prodotti analogi tal-ħut abbażi tal-alka, b'konsiderazzjoni tal-ġustifikazzjoni teknoloġika u l-fatt li dan il-prodott il-ġdid jirrappreżenta prodotti speċjalizzati.

(7) L-użu ta' sorbates (E 200, E 202, E 203) u benzoates (E 210, E 211, E 212, E 213) huwa mitlub għall-birer fil-kartell li magħhom ikunu ġew miżjuda iktar minn 0,5 % ta' zokkrijiet iffermentati u/jew meraq tal-frott jew konċentrati u li huma servuti fit-tazza ("draft"). Dawn il-birer fil-kartell jistgħu jibqgħu mqabbda mal-vit li minnu titqassam il-birra għal żmien itwal. Peress li l-konnessjoni tal-kartell mal-vit ma tistax ssir taħt kundizzjonijiet sterili, hija possibbli l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-kartell. Din hija problema għall-birer li jkun għad fihom zokkor li jiffermenta għax dan jista' jiffavorixxi t-tkabbir ta' mikro-organiżmi perikoluż. Għalhekk, l-aġenti antimikrobali huma meħtieġa fil-birer li jitqassmu mill-bank u li jkun ġie miżjud magħhom zokkor li jiffermenta u/jew meraq tal-frott jew konċentrati. Mil-lat tal-konsum, il-konsum ta' birer tal-frott bħal dawn jibqa' wieħed marġinali u l-istimi għall-konsum ta' sorbates u benzoates u, abbażi ta' "approċċ fl-aħjar każ", għandhom ikunu inqas mid-DAK rispettivi tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li jkun permess l-użu addizzjonali ta' sorbates u benzoates fil-birra fil-krietel li jkun fiha aktar minn 0,5 % ta' zokkor li jiffermenta u/jew meraq tal-frott jew konċentrati.

(8) Biex ikun evitat l-iżvilupp ta' moffa fuq il-frott taċ-ċitru, huwa awtorizzat it-trattament bil-pestiċidi bħal imazalil u t-thiabendazole wara l-ħsad tagħhom. Is-sorbates (E 200, E 202, E 203) jistgħu jintużaw biex jissostitwixxu parzjalment jew kompletament dawn il-pestiċidi għat-trattament tal-frott taċ-ċitru. Is-sorbates jistgħu jiġu applikati fuq il-wiċċ tal-frott taċ-ċitru frisk imqaxxar permezz ta' xama' awtorizzata: xama' tan-naħal, xama' tal-candelilla, xama' tal-carnauba u shellac (E 901, E 902, E 903 u E 904 rispettivament). L-espożizzjoni tal-konsumatur għall-addittiv minħabba dan l-użu mhux kawża ta' tħassib għas-sigurtà. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu addizzjonali tiegħu.

(9) Il-konsumaturi jistgħu jagħżlu li jsaħħu l-konsum tagħhom ta' xi nutrijenti b'xi supplimenti tal-ikel. Għal dak l-iskop, il-vitamina A u kombinazzjonijiet ta' vitamini A u D jistgħu jiġu miżjuda ma' supplimenti tal-ikel, kif definit mid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Għal raġunijiet ta' sigurtà fl-immaniġġjar, il-vitamina A u l-kombinazzjonijiet ta' vitamini A u D għandhom ikunu fformulati fil-preparazzjonijiet li jistgħu jkunu jeħtieġu umdità għolja u temperatura għolja, fil-preżenza tal-amti u zokkor. Tali proċessar jista' jiffavorixxi l-iżvilupp ta' mikro-organiżmi. Sabiex jiġi evitat it-tkabbir ta' dawn il-mikro-organiżmi, iż-żieda ta' sorbates (E 200, E 202, E 203) u benzoates (E 210, E 211, E 212 u E 213) għandha tkun awtorizzata fil-vitamina A u fil-kombinazzjonijiet ta' vitamini A u D meta użati fis-supplimenti tal-ikel fornuti fil-forma mnixxfa.

(10) Id-diossidu tal-kubrit u sulphites (E 220, E 221, E 222, E 223, E 224, E 226, E 227, E 228) huma addittivi awtorizzati skont id-Direttiva 95/2/KE li jaġixxu primarjament bħala aġenti antimikrobali u jikkontrollaw it-taħsir kimiku. Illum il-ġurnata, it-trasportar ta' frott frisk sar importanti ħafna, b'mod partikolari l-merkanzija bil-baħar. Tali trasport jista' jieħu żmien ta' diversi ġimgħat. L-użu tad-diossidu tal-kubrit u sulphites jipproteġi l-blueberries friski kontra t-tkabbir tal-fungi. L-użu addizzjonali ta' sulphur dioxide u sulphites għandu jkun awtorizzat sabiex jgħin fl-ippreżervar tal-blueberries friski kontra t-tkabbir tal-fungi, meta wieħed iżomm f'moħħu li dawn x'aktarx li jirrappreżentaw prodott speċjalizzat. Billi jitqiesu wkoll ir-raġunijiet teknoloġiċi validi għall-inklużjoni ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet ġodda, il-bżonn li jkun faċilitat il-kummerċ dinji u l-impatt negliġibbli tiegħu fir-rigward tal-konsum ta' sulphur and sulphite, huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu addizzjonali tad-diossidu tal-kubrit fil-blueberries fil-livell ta' konċentrazzjoni indikat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

(11) Għall-produzzjoni ta' stikek tal-kannella (*Cinnamomum ceylanicum* biss), magħrufa wkoll bħala "quills", jiġu użati l-qxur frisk tal-qoxra ta' ġewwa tas-siġra tal-kannella. Il-qoxra hija esposta għal kontaminazzjoni mikrobjali u attakki mill-insetti, partikolarment taħt il-kundizzjonijiet klimatiċi tropikali u umdi, fil-pajjiż ta' produzzjoni. Il-fumigazzjoni bis-sulphur dioxide huwa trattament xieraq kontra l-kontaminazzjoni mikrobjali u l-attakki tal-insetti bħal dawn. Fl-1994, il-KXI stabbilixxa DAK ta' -0-0,7 mg/kg bw u kkunsidra li l-użu tad-diossidu tal-kubrit u aġenti sulphiting oħra għandu jkun limitat sabiex tkun limitata l-okkorrenza ta' reazzjonijiet severi ażżmatiċi. Għalkemm l-użu tad-diossidu tal-kubrit u sulphites għandu jkun limitat, dan l-użu speċifiku jirrappreżenta kontributur negliġibbli b'relazzjoni mal-konsum ta' diossidu tal-kubrit u sulphites. Huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu addizzjonali ta' diossidu tal-kubrit u sulphites (E 220, E 221, E 222, E 223, E 224, E 226, E 227, E 228) f'dan it-tip partikolari biss tal-kannella.

(12) L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (minn hawn 'il quddiem "EFSA") evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu tan-nisin fil-kategorija ta' ikel addizzjonali ta' bajd likwidi, u dwar is-sikurezza tan-nisin prodott bl-użu ta' proċess ta' produzzjoni modifikat. L-EFSA kkonfermat fl-opinjoni tagħha fis-26 Jannar 2006 [2] l-AKK li kienet stabbilita qabel ta' 0-0,13 mg/kg għan-nisin

[1] ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

[2] L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu tan-nisin (E 234) bħala addittiv fl-ikel, *The EFSA Journal* (2006) 314, p. 1.

prodott bl-użu ta' manifattura u proċess ta' estrazzjoni ġodda abbażi ta' fermentazzjoni ta' mezz taz-zokkor bħala sostitut għall-mezz tradizzjonali abbażi tal-ħalib. F'din l-opinjoni, l-EFSA kkonfermat ukoll li l-iżvilupp ta' reżistenza antibijotika m'għandux ikun mistenni mill-użu tan-nisin fl-ikel. Skont l-EFSA, m'hemm l-ebda rapporti ta' reżistenza għan-nisin minn batterji mutanti li juru reżistenza mifruxa ("cross resistance") għall-antibijotiċi terapewtiċi. Hija kkunsidrat li dan hu probabbilment minħabba d-differenzi bejn l-antibijotiċi terapewtiċi u n-nisin f'termini tal-mod ta' azzjoni kontra l-mikrobi. Barra minn hekk, l-EFSA kkonfermat fl-opinjoni tagħha maħruġa fl-20 ta' Ottubru 2006 ([1]) li l-użu addizzjonali tan-nisin fil-bajd likwidu pasturizzat skont il-kundizzjonijiet maħsuba tal-użu (il-limitu massimu ta' 6,25 mg/l) mhux punt ta' ħassib fir-rigward tas-sigurtà u huwa ġustifikat mill-aspett teknoloġiku biex ikun estiż it-tul tal-validità tal-prodott mid-data tal-iskadenza tiegħu u wkoll biex jipprevjeni t-tkabbir ta' speċi li tifforma l-ispori tal-avvelenament tal-ikel, bħal *Bacillus cereus*, li tista' tibqa' ħajja anke wara trattament ta' pasturizzazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu addizzjonali tan-nisin fil-bajd likwidu pasturizzat.

(13) Id-Dimethyl dicarbonate (DMDC, E 242) huwa addittiv tal-ikel li jista' jintuża skont id-Direttiva 95/2/KE u li jaġixxi bħala preżervattiv fix-xorb mhux alkoħoliku bit-togħma, fl-inbid mingħajr alkoħol u fit-té likwidu konċentrat L-awtorizzazzjoni ta' dan l-addittiv ġiet deċiża abbażi ta' opinjoni pożittiva maħruġa mill-KXI fl-1990 u kkonfermata fl-1996. Il-KXI ma kienx kapaċi jistabbilixxi DAK, peress li d-DMDC malajr jiddikomponi f'dijossidu tal-karbonju u metanol. Fl-2001, il-KXI intalab jinvestiga s-sikurezza tal-użu tad-DMDC fl-inbid. F'dak iż-żmien il-KXI ikkunsidra li l-formazzjoni ta' methanol u prodotti oħra li jikkawżaw reazzjoni, bħal methylcarbamate u li jirriżultaw mill-użu tad-DMDC għat-trattament ta' xorb alkoħoliku u inbid hija simili għal dik iffurmata f'xorb mhux alkoħoliku, u anke konsum kbir tal-inbid m'għandux joħloq periklu mill-methanol u l-methylcarbamate. L-użu tad-DMDC kien rikjest sabiex jiġi evitat it-taħsir bħala riżultat tal-fermentazzjoni fi flixkien mhux miftuħa u mhux sterilizzati mimlija bis-sidru, bl-inbejjed tal-perry u tal-frott, bl-inbid li jkollu l-alkoħol imnaqqas, xorb ibbażat fuq l-inbid u prodotti oħra koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ([2]). Dawn l-użi addizzjonali mhumiex meqjusa bħala ta' ħassib għas-sikurezza tal-konsumatur. Barra minn hekk, l-użu tad-DMDC jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-espożizzjoni tad-diossidu tal-kubrit. Huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu addizzjonali tad-DMDC fis-sidru, fl-inbejjed perry u tal-frott, fl-inbid bl-alkoħol imnaqqas, fix-xorb ibbażat fuq l-inbid u fil-prodotti oħra koperti bir-Regolament (KEE) Nru 1601/91.

([1]) Opinjoni xjentifika tal-Panel dwar Addittivi, Ħwawar, Għajnuniet fl-Ipproċessar u Materjal fil-Kuntatt mal-Ikel dwar is-sigurtà fl-użu tan-nisin bħala addittiv fil-kategorija addizzjonali ta' bajd likwidi u dwar is-sikurezza tan-nisin prodott bl-użu ta' proċess ta' produzzjoni modifikat bħala addittiv tal-ikel, The EFSA Journal (2006) 314b, p. 1.

([2]) ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.

(14) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu ta' estratti tal-klin meta użati bħala antiossidant fl-ikel. L-estratti tal-klin huma derivati mir-*Rosmarinus officinalis* L. u jkun fihom diversi komposti li jeżerċitaw funzjonijiet antiossidattivi (prinċipalment aċidi fenoliċi, flavonoids, diterpenoids u triterpenes). Għalkemm id-dejta tossikoloġika fuq il-estratti tal-klin kienet insuffiċjenti għall-EFSA biex tkun stabbilita d-DAK numerika, l-EFSA ikkunsidrat fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Marzu 2008 ([3]) li l-marġini ta' sigurtà kien għoli biżżejjed biex jikkonkludi li l-esponiment fid-dieta li jirriżulta mill-użi proposti u l-livelli użati ma kien tal-ebda ħassib fir-rigward tas-sigurtà. L-estratti tal-klin jistgħu għalhekk jiġu awtorizzati fejn ikun hemm ġustifikazzjoni teknoloġika għall-użu tagħhom. L-użu propost tal-estratti tal-klin bħala antiossidant għandu jkun awtorizzat u E 392 għandu jiġi assenjat bħala numru E għall-estratti tal-klin.

(15) Ix-xorrox huwa prodott sekondarju tal-manifattura tal-ġobon. Ġew żviluppati xi xarbiet li fihom il-proteina tax-xorrox u l-għan ta' dawn hu li jipprovdu dieta rikka biżżejjed fl-proteini. Sabiex il-proteini jinżammu f'sospensjoni matul il-kura tas-sħana ta' xorb bħal dan, il-fosfati għandhom ikunu f'livelli li huma ogħla minn dak ta' xorb normali bit-togħma mhux alkoħolika. Il-fosfati għandhom ikunu awtorizzati fil-proteina tax-xorrox li jkun fiha xorb użat minn dawk li jipprattikaw l-isport.

(16) Ix-xama' tan-naħal ("beeswax") (E 901) hija bħalissa awtorizzata bħala aġent tal-glazing għal użu fi prodotti żgħar tal-forn miksija biċ-ċikkulata. Din l-awtorizzazzjoni ma tkoprix wejfers tal-ġelat li ma jkunux miksija biċ-ċikkulata. Minbarra l-fatt li x-xama' tan-naħal tista' titqies bħala alternattiva għaċ-ċikkulata f'wejfers tal-ġelat ippakkjati minn qabel, il-kisi tal-wejfers bix-xama' tan-naħal jista' jimpedixxi l-migrazzjoni tal-ilma fil-wejfer u jiżgura li din tibqa' tqarmeċ u li l-iskadenza tal-prodott jitwal u għalhekk hu kkunsidrat teknoloġikament ġustifikat. Għalhekk ix-xama' tan-naħal għandha tkun awtorizzata bħala aġent tal-glazing biex tissostitwixxi għal kollox jew parzjalment is-saff ta' ċikkulata li jkun hemm fil-wejfers tal-ġelat ippakkjati minn qabel.

(17) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu tax-xama' tan-naħal billi kkunsidrat l-użu tagħha bħala trasportatur ta' aromatizzanti f'xorb bit-togħma mhux alkoħolika. Għalkemm id-dejta disponibbli fuq ix-xama' tan-naħal innifisha kienet biżżejjed biex tiġi stabbilita d-DAK, l-EFSA waslet għall-konklużjoni li, minħabba l-profil tossikoloġiku baxx tax-xama' tan-naħal, l-użi fl-ikel eżistenti u l-użu l-ġdid propost tax-xama' tan-naħal ma jqajmu l-ebda ħassib fir-rigward tas-sigurtà. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu addizzjonali tax-xama' tan-naħal bħala trasportatur ta' aromatizzanti f'xorb bit-togħma mhux alkoħolika.

([3]) L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu tal-estratti tal-klin bħala addittiv fl-ikel, *The EFSA Journal* (2008) 721, p. 1.

(18) It-triethyl citrate (E 1505) huwa bħalissa awtorizzat fi ħdan l-UE skont id-Direttiva 95/2/KE bħala trasportatur fil-ħwawar u fl-abjad tal-bajd imnixxef. Id-DAK tiegħu kien stabbilit mill-KXI fl-1990 f'0-20 mg/kg. L-estensjoni tal-użu tal-triethyl citrate ġie propost bħala aġent għall-igglejżjar ta' pilloli bħala suppliment tal-ikel. It-triethyl citrate għandu jżid ir-reżistenza tal-qoxra rqiqa tal-kisi, jipproteġi l-pilloli mill-ambjent estern u jżid ukoll it-tul tar-rilaxx tal-prodott. Skont l-aġħar xenarju immaġinabbli, dan is-sors addizzjonali tal-konsum tat-triethyl citrate huwa negliġibbli (0,25 % tad-DAK) meta mqabbel mad-DAK shih. Għalhekk huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu addizzjonali tas-ċitrat triethyl fil-livell tal-UE bħala aġent tal-glazing għal pilloli ta' suppliment għall-ikel.

(19) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà ta' polyvinyl alcohol (PVA) bħala aġent tal-kisi b'qoxra rqiqa għall-supplimenti tal-ikel u esprimiet l-opinjoni tagħha fil-5 ta' Diċembru 2005 ([1]). L-EFSA sabet li l-użu tal-PVA fil-kisi ta' supplimenti tal-ikel li huma fil-forma ta' kapsuli u pilloli ma jkun tal-ebda tħassib għas-sigurtà. L-EFSA qieset li l-espożizzjoni potenzjali tal-bniedem għall-PVA taħt il-kundizzjonijiet maħsuba tal-użu hija mistennija li tkun waħda baxxa. Il-PVA huwa rrappurtat li jiġi assorbit minimament wara li jittieħed mill-ħalq. Il-limitu massimu tal-użu ġie iffissat għal 18 g/kg abbażi tal-aġħar xenarju immaġinabbli u li abbażi tagħha l-EFSA wettqet l-istima tar-riskju tagħha. Minħabba l-kwalitajiet tajba ta' adeżjoni u s-saħħa tal-qoxra rqiqa tal-polyvinyl alcohol, dan l-addittiv tal-ikel ġdid huwa mistenni li jkollu rwol teknoloġiku bħala aġent ta' kisi ta' qoxra rqiqa għal supplimenti tal-ikel, b'mod partikolari fl-applikazzjonijiet fejn l-ostakolu tal-umdità u l-proprjetajiet ta' protezzjoni huma meħtieġa. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu addizzjonali fuq il-livell tal-UE. Dan l-addittiv tal-ikel ġdid għandu jkun assenjat in-numru E 1203.

(20) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu ta' sitt gradi ta' polyethylene glycols (PEG 400, PEG 3000, PEG 3350, PEG 4000, PEG 6000, PEG 8000) bħala aġenti għall-kisi b'qoxra rqiqa għall-użu fi prodotti ta' suppliment tal-ikel u esprimiet l-opinjoni tagħha fit-28 ta' Novembru 2006 ([2]). L-EFSA sabet li l-użu ta' dawn il-gradi ta' polyethylene glycol bħala aġent ta' glazing f'formulazzjonijiet għall-kisi b'qoxra rqiqa ta' pilloli u kapsuli li huma suppliment tal-ikel skont il-kundizzjonijiet tal-użu maħsuba m'għandu jwassal għal ebda tħassib fir-rigward tas-sigurtà. L-EFSA ħadet ukoll inkonsiderazzjoni fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha, is-sors addizzjonali ta' espożizzjoni għal dawn il-PEGs li joriġinaw mill-użu ta' prodotti farmaċewtiċi u kkunsidrat li konsum addizzjonali limitat biss jista' jirriżulta mill-użu li diġà ġie approvat tal-PEG 6000 bħala trasportatur għal sustanzi li jagħtu ħlewwa, kif ukoll mill-użu tal-PEG f'materjali li jkunu f'kuntatt mal-ikel. Huwa għalhekk xieraq li jiġi awtorizzat dan l-użu ġdid fuq livell tal-UE. Barra minn hekk, minħabba l-konsum limitat mill-PEG 6000 bħala trasportatur ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa u l-profil tossikoloġiku simili tiegħu fir-rigward tal-gradi PEG l-oħra (issitt PEGs ġew allokati minn grupp ta' konsum tollerabbli ta' kuljum (TDI), huwa wkoll xieraq li jkun awtorizzat l-użu tal-PEGs evalwati mill-EFSA bħala alternattivi għall-PEG 6000 bħala trasportatur ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa. Dawn il-PEGs għandhom jiġu assenjati E 1521 bħala n-numru E.

(21) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu ta' cassia gum bħala addittiv fl-ikel ġdid li jaġixxi bħala aġent ta' gelling u ta' tgħaqqid u esprimiet l-opinjoni tagħha fis-26 Settembru 2006 ([3]). L-EFSA sabet li l-użu tal-cassia gum kif indikat skont il-kundizzjonijiet speċifikati ma jqajjem l-ebda tħassib fir-rigward tas-sigurtà. Għalkemm l-EFSA kkunsidrat id-dejta tossikoloġika disponibbli dwar il-cassia gum bħala waħda mhux biżżejjed sabiex tikseb id-DAK, ma kkunsidratx li d-dejta eżistenti tati lok għal tħassib. B'mod partikolari l-EFSA enfasizzat li l-assorbiment baxx speċifiku tal-cassia gum u l-fatt li, jekk jiġi idrolizzat, il-cassia gum ikun ridott għal komposti li jidħlu fil-passaġġi metaboliċi normali. Hemm ġustifikazzjoni teknoloġika għall-użu tal-cassia gum permezz tal-effetti sinerġistiċi tiegħu tal-gelling meta miżjud ma' gums oħra regolari tal-ikel. Huwa għalhekk xieraq li jiġu awtorizzati dawn l-użi fil-livell ta' UE u li jkun assenjat E 427 bħala numru E għall-cassia gum.

(22) L-EFSA evalwat is-sikurezza ta' neotame bħala sustanza għat-taħwir ("flavour enhancer") u esprimiet l-opinjoni tagħha fis-27 ta' Settembru 2007 ([4]). L-EFSA kkonkludiet li n-neotame ma jippreżenta l-ebda tħassib dwar is-sigurtà fir-rigward tal-użi proposti bħala sustanzja li ttejjeb it-taħwir u stabbiliet DAK ta' 0-2 mg/kg bw / għal kull jum. Għalhekk huwa meħtieġ li jkun awtorizzat l-użu tan-neotame bħala sustanza għat-taħwir.

(23) L-EFSA evalwat l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-użu tal-L-cysteine (E 920) f'ċerti oġġetti maħsuba għat-trabi u tfal żgħar. L-EFSA kkonkludiet fl-opinjoni tagħha

([1]) L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu tal-polyvinyl alcohol bħala aġent tal-kisi għas-supplimenti tal-ikel, *The EFSA Journal* (2005) 294, p. 1.

([2]) L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu tal-polyethylene glycol (PEG) bħala aġent għall-kisi b'qoxra rqiqa fi prodotti ta' supplimenti tal-ikel, *The EFSA Journal* (2006) 414, p. 1.

([3]) L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu ta' cassia gum bħala addittiv fl-ikel, *The EFSA Journal* (2006) 389, p. 1.

([4]) Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi fl-Ikel, is-Sustanzi tat-Taħwir, l-Għajnuniet tal-Ipproċessar u l-Materjali f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tan-neotame bħala sustanza għall-ħlewwa u t-taħwir, *The EFSA Journal* (2007) 581, p. 1

fis-26 ta' Settembru 2006 [1] li l-użu propost tiegħu fl-ikel ipproċessat abbażi ta' ċereali u ikel (speċifikament gallettini tat-trabi) għat-trabi u tfal żgħar ma huwa tal-ebda tħassib fir-rigward tas-sigurtà. Gallettini għat-trabi u tfal żgħar huma meħtieġa li jkollhom kompożizzjoni xierqa, inkluż kontenut kontrollat ta' zokkor u xaħam. Madankollu, gallettini b'kontenut baxx ta' xaħam żiedu l-fraġilità assoċjata mar-riskju ta' fgar u soffokazzjoni minħabba li l-gallettini jitkissru fil-ħalq tat-tfal. Il-funzjoni tal-L-cysteine hija dik li jtejjeb l-għaġina sabiex tkun kontrollata l-konsistenza tal-prodott finali. Huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu tal-L-cysteine f'gallettini għat-trabi u tfal żgħar fil-livell tal-UE.

(24) L-EFSA evalwat is-sigurtà tal-użu ta' preparazzjoni ta' enżimi bbażata fuq thrombin ma' fibrinogen derivati mill-baqar u/jew mill-ħnieżer bħala addittiv tal-ikel għar-rikostituzzjoni tal-ikel u kkonkludiet fl-opinjoni tagħha fis-26 ta' April 2005 li dan l-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi meta prodott kif deskritt fl-opinjoni ma jkun tal-ebda tħassib fir-rigward tas-sigurtà [2]. Madankollu, il-Parlament Ewropew fir-Reżoluzzjoni tad-19 ta' Mejju 2010 dwar id-Direttiva tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-Direttiva 95/2/KE dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa, ikkunsidra li l-inklużjoni fl-Anness IV għad-Direttiva 95/2/KE ta' din il-preparazzjoni tal-enżimi bħala addittiv tal-ikel biex jiġi rikostitwit l-ikel ma kinitx kompatibbli mal-għan u l-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, billi ma tilħaqx il-kriterji ġenerali tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, speċjalment fil-paragrafu 1(c) tal-Artikolu 6.

(25) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/374/KE [3] ssospendiet it-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni ta' ġeli f'minicups li jkun fihom addittivi tal-ikel iffurmati mill-ġel derivati mill-alka tal-baħar u ċerti gums (E 400, E 401, E 402, E 403, E 404, E 405, E 406, E 407, E 407a, E 410, E 412, E 413, E 414, E 415, E 417, E 418) u dan minħabba r-riskju li wieħed jifga minħabba dawn il-prodotti. Id-Direttiva 95/2/KE kienet emendata kif xieraq mid-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4]. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/374/KE għandha għalhekk tiġi mħassra billi d-dispożizzjonijiet tagħha ġew inklużi fid-Direttiva 95/2/KE.

(26) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponihom,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi II sa VI tad-Direttiva 95/2/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mhux aktar tard mill-1 ta' April 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati bit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/374/KE hija rrevokata.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu tal-L-cysteine f'ikel maħsub għal trabi u tfal żagħar, *The EFSA Journal* (2006) 390, p. 1.

[2] L-opinjoni xjentifika tal-Panel dwar l-Addittivi tal-Ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-Ipproċessar u Materjal f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-użu ta' preparazzjoni ta' enżimi bbażata fuq thrombin ma' fibrinogen derivati mill-baqar u/jew mill-ħnieżer bħala addittiv tal-ikel għar-rikostituzzjoni tal-ikel, *The EFSA Journal* (2005) 214, p. 1.

[3] ĠU L 118, 23.4.2004, p. 70.

[4] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10.

ANNESS

L-Annessi II sa VI tad-Direttiva 95/2/KE qed jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata li tikkonċerna "Preparazzjonijiet tal-laħam ikkapuljat frisk ippakkjat minn qabel" hija mibdula b'dan li ġej:

"Preparazzjonijiet tal-laħam ikkapuljat frisk ippakkjati minn qabel	E 261	Potassium acetate	*quantum satis*"
	E 262i	Sodium acetate	
	E 262ii	Sodium hydrogen acetate	
	E 300	Aċidu assorbiku	
	E 301	Sodium ascorbate	
	E 302	Calcium ascorbate	
	E 325	Sodium lactate	
	E 326	Potassium lactate	
	E 330	Aċidu ċitriku	
	E 331	Sodium citrates	
	E 332	Potassium citrates	
	E 333	Calcium citrates	

(b) fl-aħħar tal-Anness għandha tiġi miżjuda din l-entrata:

"Prodotti tal-krema ffermentata ħajja u mingħajr togħma u prodotti ta' sostituzzjoni b'kontenut ta' xaħam ta' inqas minn 20 %	E 406	Agar	*quantum satis*"
	E 407	Carrageenan	
	E 410	Locust bean gum	
	E 412	Guar gum	
	E 415	Xanthan gum	
	E 440	Pectins	
	E 460	Ċelluloża	
	E 466	Ċelluloża tal-carboxy methyl	
	E 471	Mono- u digliċeridi ta' aċidi grassi	
	E 1404	Lamtu ossidat	
	E 1410	Monostarch phosphate	
	E 1412	Distarch phosphate	
	E 1413	Phosphated distarch phosphate	
	E 1414	Acetylated distarch phosphate	
	E 1420	Acetylated starch	
	E 1422	Acetylated distarch adipate	
	E 1440	Hydroxyl propyl starch	

	E 1442	Hydroxy propyl distarch phosphate	
	E 1450	Starch sodium octenyl succinate	
	E 1451	Acetylated oxidised starch	

(2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fl-aħħar tal-Parti A, għandhom jiżdiedu dawn l-entrati:

"Prodotti analogi għall-ħut abbażi tal-alka	1 000	500				
Birra fil-krietel li jkun fiha iktar minn 0,5 % ta' zokkor li jiffermenta u/jew meraq tal-frott jew konċentrati	200	200		400		
Frott taċ-ċitru frisk mhux imqaxxar (trattament tas-superfiċi biss)	20					
Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE pprovduti f'forma niexfa li fiha preparazzjonijiet ta' vitamina A u ta' kombinazzjonijiet ta' vitamina A u D				1 000 fi prodott lest għall-konsum"		

(b) fl-aħħar tal-Parti B, għandhom jiżdiedu dawn l-entrati li ġejjin:

"Blueberries (*Vaccinium corymbosum* biss)	10
Kannella (*Cinnamomum ceylanicum* biss)	150"

(c) Il-Parti C hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata li tikkonċerna l-addittiv E 234 tinbidel b'dan li ġej:

"E 234	Nisin (*)	Pudini tas-smid u tat-tapioca u prodotti simili	3 mg/kg
		Ġobon misjur u ġobon ipproċessat	12,5 mg/kg
		Krema magħquda	10 mg/kg
		Mascarpone	10 mg/kg
		Likwidu tal-bajd pasturizzat (l-abjad, l-isfar jew il-bajda sħiħa)	6,25 mg/l

(*) Din is-sustanza tista' tkun preżenti f'ċerti ġobnijiet bħala riżultat tal-proċess ta' fermentazzjoni."

(ii) l-entrata li tikkonċerna l-addittiv E 242 tinbidel b'dan li ġej:

"E 242	Dimethyl dicarbonate	Xorb bit-togħma mhux alkoħolika Inbid mingħajr alkoħol Té likwidu konċentrat	250 mg/l ammont inkorporat, residwi li ma jinstabux
		Inbid taċ-ċitru, tal-perry u tal-frott Inbid mingħajr alkoħol Xarbiet abbażi tal-inbid u prodotti oħra kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 1601/91	250 mg/l ammont inkorporat, residwi li ma jidhrux"

(d) fil-Parti D l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-annotazzjoni dwar l-addittiv E 316:

"E 392	Estratti tal-klin	Żjut veġetali (minbarra żjut verġni u żjut taż-żebbuġa) u xaħam fejn il-kontenut tal-aċidi grassi polyunsaturated huwa ogħla minn 15 % w/w tal-aċidu xaħmi totali, għal użu f'prodotti tal-ikel mhux trattati bis-sħana.	30 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Żjut tal-ħut u żejt tal-alka	50 mg /kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Grass, ċanga, tjur tal-irziezet, nagħaġ u xaħam tal-majjali Xaħmijiet u żjut għall-produzzjoni professjonali ta' prodotti ta' ikel trattati bis-sħana Żejt għall-qali u xaħam għall-qali, minbarra ż-żejt taż-żebbuġa u żejt tal-għadam taż-żebbuġ Ikel magħruf bħala "snack food" ("snack" abbażi ta' ċereali, patata jew lamtu)	
		Zlazi	100 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Prodotti fini tal-forn	200 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE	400 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Patata deidrata Prodotti tal-bajd Chewing gum	200 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Trab tal-ħalib għal magni tal-bejgħ awtomatiċi Ħwawar u kondimenti Ġewż ipproċessat	200 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Sopop u brodijiet deidratati	50 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Laħam deidratat	150 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Laħam u prodotti tal-ħut, li jeskludu laħam deidratat u zalzett imnixxef	150 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic) Espressa abbażi tax-xaħam
		Zalzett imnixxef	100 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Ħwawar	1 000 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)
		Ħalib imnixxef għall-manifattura tal-ġelat	30 mg/kg (espressa bħala s-somma tal-aċidi carnosol u carnosic)"

(3) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) fl-entrata dwar l-addittivi E 338, E 339, E 340, E 341, E 343, E 450, E 451 u E 452, il-filliera li ġejja tiddaħħal wara r-ringiela li tikkonċerna "xorb ta' proteina veġetali"

		"Xarbiet tal-isport li jkun fihom il-proteini tax-xorrox	4 g/kg"

(b) l-entrata li ġejja tiddaħħal qabel l-entrata li tikkonċerna l-addittivi E 432, E 433, E 434, E 435 u E 436:

"E 427	Cassia gum	Silġiet li jittieklu	2 500 mg/kg
		Prodotti tal-ħalib iffermentat bl-eċċezzjoni tal-prodotti tal-ħalib bla togħma fermentati ħajjin	
		Deżerta abbażi tal-ħalib u prodotti simili	
		Mili, kisi għat-topping u prodotti fini tal-forn u deżerta	
		Ġobon ipproċessat	
		Zlazi u krema għall-insalata	
		Sopop u brodijiet deidratati	
		Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana	1 500 mg/kg"

(c) fl-entrata għal E 901, E 902, u E 904, fit-tielet kolonna, taħt l-użu "Bħala aġent biss għall-igglejżjar", tiżdied l-entrata li ġejja:

		"— Wejfers li fihom il-ġelat u li huma ppakkjati minn qabel (għall-E 901 biss)	*quantum satis*"

(d) fl-entrata għal E 901, E 902, u E 904, fit-tielet kolonna, taħt l-użu "Ħawħ u ananas (trattament tal-wiċċ biss) ", hija miżjuda l-entrata li ġejja:

		"Ħwawar f'xorb bit-togħma mhux alkoħolika (għal E 901 biss)	0,2 g/kg f'xarbiet bit-togħma"

(e) l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata dwar l-addittiv E 959:

"E 961	Neotame	Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	2 mg/l bħala titjib fit-togħma
		Xorb fuq bażi ta' ħalib jew fuq bażi miksub mill-ħalib jew fuq bażi ta' għasir tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	2 mg/l bħala titjib fit-togħma
		Ikel imsejjaħ 'snack': ċerti togħmiet ta' prodotti tal-lamtu aromatizzati, imnixxfin, ippakkettati minn qabel, lesti għall-ikel u ġewż miksi	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Ħlewwiet abbażi tal-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	3 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Ħelu żgħir ħafna li jiffriska l-ħalq, mingħajr zokkor miżjud	3 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Mustardini għall-griżmejn b'togħma qawwija ħafna mingħajr zokkor miżjud	3 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Chewing gum mingħajr zokkor miżjud	3 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Ġamm bl-enerġija mnaqqsa, ġeli u marmellati	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma

		Zlazi	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE fornuti f'forma likwida	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE fornuti f'forma solida	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma
		Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE bbażati fuq vitamini u/jew elementi ta' minerali u fornuti f'tip ta' ġulepp jew li ma jistgħux jintmagħdu	2 mg/kg bħala titjib fit-togħma"

(f) l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata dwar l-addittiv E 1202:

"E 1203	Polyvinyl alcohol	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE fil-forma ta' kapsula jew pillola	18 g/kg"

(g) wara l-entrata dwar l-addittiv E 1202, l-entrata li tikkonċerna biss l-addittiv E 1505 tinbidel b'dan li ġej:

"E 1505	Triethyl citrate	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE fil-forma ta' kapsula jew pillola	3,5 g/kg
		Abjad tal-bajd imnixxef	*quantum satis*"

(h) l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata dwar l-addittiv E 1452:

"E 1521	Polyethylene glycol	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE fil-forma ta' kapsula jew pillola	10 g/kg"

(4) l-entrata li tikkonċerna l-addittiv "Polyethyleneglycol 6000" tinbidel b'dan li ġej:

"E 1521	Polyethylene glycol	Sustanzi ta' ħlewwa"

(5) Fil-Parti 3 l-Anness VI li ġejja tiddaħħal wara l-annotazzjoni dwar l-addittiv E 526:

"E 920	L-cysteine	Gallettini għat-trabi u għat-tfal żgħar	1 g/kg"